MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 70/2004/1

**Joseph, Carmelo u Clement ahwa Camilleri**

**vs**

**Rosaria u Joseph konjugi Psaila**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Ottubru, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti;

Rat l-avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex f zmien qasir u perentorju li jkun iffissat min dina l-Qorti, ma ghandhomx ikunu kkundanati jizgumbraw mill-parti ta' l-ghalqa, ikkulurita bl-isfar fuq l-annessa pjanta mmarkata bhala Dok A, mgharufa bhala 'Tan-Nigret' jew 'Il-Macina' Nigret, limiti taz-Zurrieq, liema ghalqa l-konvenuti qed jokkupaw minghajr ebda titolu

validu skond il-ligi. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti in-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepw illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex:

1. Huma kienu qed jokkupaw parti mir-raba maghruf bhala 'Tan-Nigret' imsemmija fl-avviz bil-kunsens u permess ta' wahda mill-ko-inkwilini, Angela Micallef, illum mejta;
2. Illi l-art mgharufa bhala 'Tan-Nigret' fil-limiti taz-Zurrieq ilha snin kbar, minn qabel ma xtrawha l-atturi, mqabbla bhala kirja wahda lit-tlett ahwa, Angela Micallef, Gaetana Farrugia, u Dominka Cutajar pero' kull wahda minnhom kienet tahdem parti separata, kif kienu ftehmu bejnithom;
3. Illi billi Angela Micallef ma kellhiex tfal meta xjahet kienet tat permess lill-konvenuti li jahdmu l-parti li kienet tahdem hi minghjar hlas. Wara l-mewt taghha l-konvenuti hargu mill-bicca raba li kienu jahdmu u hallewha f'idejn Gaetana Farrugia;
4. Illi kemm Dominka Cutajar kif ukoll Angela Micallef mietu minghajr tfal u ghalhekk il-lokazzjoni tal-art kollha illum ghaddiet favur Gaetana Farrugia li illum hija l-unika inkwilina tal-art u ghalhekk l-konvenuti wara l-mewt ta' Angela Micallef hargu mill-art li kienu jahdmu u tawha f'idejn Gaetana Farrugia;
5. Illi ghalhekk sakemm l-art kollha tinsab mqabbla s-sidien ma jistghux jaghmlu din il-kawza ghax ma ghandhom la l-pussess legali u lanqas dak materjali u l-azzjoni minnhom intentata, sakemm tibqa' il-lokazzjoni favur Gaetana Farrugia, tispetta biss lilha li ghandha d-dgawdija piena u inkontrastata tar-raba kollu;
6. Illi ghalhekk id-domanda attrici ghandha tigi rigettata bl-ispejjez kontra l-atturi.

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza inkluz id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok jehtieg ikun stradat u deciz il-punt sollevat mill-konvenuti dwar in-nuqqas ta' interess guridiku da parti tal-atturi. U, fil-verita, peress illi inghataw diversi eccezzjonijiet sia fin-nota tal-eccezzjonijiet kif ukoll fis-sottomissjonijiet bil-miktub, jehtieg ukoll li jkun iccarat liema huma l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

L-konvenuti eccepew primarjament illi huma kienu qed jokkumpaw l-ghalqa mertu tal-kawza bil-kunsens u l-permess ta' Angela Micallef, wahda mill-ko-inkwilini, illum mejta. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-konvenuti sollevvaw u ghamlu sottomissjonijiet dwar in-nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi. Dwar dan, izda, irid jinghad illi la darba ma inghatat ebda eccezzjoni kwantu nuqqas ta' interess guridiku, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' tali allegazzjoni. Din il-materja hija mertu ta' eccezzjoni u mhux kwistjoni li tkun sollevata f'nota ta' sottomissjonijiet. Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi biss t-talba tal-atturi bl-eccezzjonijiet formali kif moghtija mill-konvenuti.

Illi mis-smiegh tal-provi jidher li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar is-segwenti fatti u cioe illi l-art in kwistjoni tappartjeni lill-atturi li xtraw l-istess fl-1979 u li dak iz-zmien kienet soggetta ghall-qbiela favur tlett ahwa Angela Micallef, Gaetana Farrugia u Dominca Cutajar li kienu jahdmu terz kull wiehed. Il-parti tal-ghalqa okkupata minn Domenica Cutajar regghet lura fil-pussess tal-atturi wara proceduri civili;

Illi wiehed minn dan it-terz tal-art mertu ta' din il-kawza kien jinhadem minn Angela Micallef u wara l-mewt taghha dahal jahdimha l-konvenut Joseph Psaila li huwa r-ragel tal-konvenuta Rosaria Psaila, in-neputija ta' Angela Micallef;

Illi ghalhekk l-atturi kienu talbu lill-konvenuti sabiex jizgombraw mill-ghalqa izda dawn wiegbu tramite l-avukat taghhom illi huma qed jokkupaw din l-ghalqa b'titolu ta' lokazzjoni u dan permezz ta' cessjoni tal-lokazzjoni minn Angela Micallef fl-14 ta' Marzu 2002 tramite skrittura privata. (vide Dok PL1 fol 46); Issa, fin-nota tal-

eccezzjonijiet taghhom l-konvenuti qalu (ara eccezzjoni enumerata 1) illi huma kienu jahdmu r-raba bil-kunsens u permess ta' Angela Micallef.  L-enfasi hawn huwa fuq il-kliem  "kienu" u "kunsens u permess" , kliem meqjus li izda ma jsib ebda konfort fl-assjem tal-provi migbura.  Dan qed jinghad ghaliex minkejja tali dikjarazzjoni, irrizulta li kien hemm lokazzjoni ta' dan it-terz minn Angela Micallef favur il-konvenuti, izda fl-istess waqt il-konvenuti qed jissottomettu illi huma hargu mir-raba u ghalhekk, wara l-mewt ukoll ta' Domenica Cutajar,  r-raba kollu gie f'idejn Gaetana Farrugia.  U kien proprju f'dan l-isfond li l-istess konvenuti ittentaw iressqu d-dubju tal-interess guridiku meta jghidu li la darba ma ghandhomx aktar konnessjoni mar-raba ergo ma kellhomx ikunu citati bhala konvenuti f'din il-kawza.

Illi minkejja dan,  wiehed mill-atturi, Carmel Camilleri, xehed illi huwa ghadu jara lill-konvenut Joseph Psaila kulljum fl-ghalqa (ara fol 31).  Il-konvenuta Rose Psaila ukoll tghid illi l-ahhar li dahlet fl-ghalqa kien madwar sitt xhur ilu (xhieda tad-9 ta' Gunju 2004).   Fl-istess deposizzjoni tghid illi hija u zewggha hargu mill-ghalqa cirka f'Dicembru 2003.  Izda l-ittra legali tal-konsulent tal-konvenuti li ggib id-data tat-22 ta' Jannar 2003, tghid illi l-konvenuti qieghdin jokkupaw l-ghalqa b'titolu ta' lokazzjoni rikonoxxut mil-ligi.  Oltre dan, l-konvenuti talbu lill atturi sabiex formalment jirrikonoxxu lill-Rose Psaila bhala wahda mill-ko-inkwilini tar-raba flok il-mejta Angela Micallef.

Huwa f'dan il-kuntest illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ma jghamlux sens u huma intizi biex idewmu determinazzjoni tal-kwistjoni bejn il-partijiet.

Ghall-ahjar intendiment, din il-Qorti hi tal-fehma illi minkejja li l-mertu huwa wiehed ta' lokazzjoni o meno ta' raba, bhala Qorti ordinarja ghandha gurisdizzjoni li tisma u tiddeciedi l-kawza u dan kif deciz mill-Qorti tal-Appell fil-kawza: **Michael Caruana vs Emanuel Micallef et (App. Civ Ghawdex 10 ta' Lulju 2003).**  F'din il-kawza il-Qorti iccitat s-sentenza fl-ismijiet **Gaetano Cauchi vs Avukat Dr. Tommaso Fenech noe App Sede Inf. 29.9.1948** u s-

sentenza **Vincent Camilleri noe vs Pio Muscat App Inf 21.01.1986** u irriteniet illi l-Qorti ghandha tistabilixxi mhux biss l-ezistenza tat-titolu izda ukoll jekk dan it-titolu huwhiex wiehed validu kif ukoll illi huwa biss meta l-Qorti ordinarja tistabilixxi li dan it-titolu jezisti, fis-sens illi d-detentur ta' fond qieghed jokkupah b'titolu ta' lokazzjoni, illi allura dik il-Qorti ma tibqax hekk kompetenti.

Illi mill-provi mressqa ma jirrizulta ebda titolu ta' lokazzjoni favur il-konvenuti. Din il-prova ta' titolu kienet tispetta lilhom u huma naqsu milli jissodisfaw dan l-element. Jirrizulta, ghall-kuntrarju, illi l-konvenuti qed jokkupaw r-raba mertu tal-kawza minghajr ma ghandhom titolu fil-ligi.

Ghal dawn il-mottivi din l-Qorti qed tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-konvenuti qed jokkupaw parti mill-ghlaqa mgharufa bhala "Tan-Nigret" jew "Il-Macina", Nigret limiti taz-Zurrieq minghajr ebda titolu validu skond il-ligi. Il-Qorti qed tiffissa terminu perentorju ta''xahrejn (2) mil-lum li fih il-konvenuti ghandhom jizgombraw mill-ghalqa de quo.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu sopportati mill-konvenuti."

Il-konvenuti jqanqlu dawn l-obbjezzjonijiet kontra s-sentenza ta' l-ewwel Qorti:-

(1) In linea generali, huma jissottomettu illi l-Qorti ta' l-ewwel grad ma investietx kif jixraq certi eccezzjonijiet taghhom u, inoltre, is-sentenza minnhom appellata tikkontjeni bosta inezattezzi ta' fatt;

(2) B' mod generali, huma jadducu zewg affarijiet principali u cjoe (i) li gja minn qabel il-prezentata ta' l-azzjoni huma kienu abbandunaw il-porzjoni tar-raba u rrilaxxjawha favur Gaetana Farrugia, l-unika inkwilina tat-territorju, fatt dan li, skond l-appellanti, kien maghruf mill-atturi appellati; (ii) l-atturi ma setghux lanqas jipproponu l-azzjoni taghhom in kwantu fid-durata ta' l-inkwilinat azzjoni bhal dik proposta kienet se mai tispetta lill-kerrej u

mhux lil sid il-fond li, f' dik id-durata, hu zvestit mill-pussess u tgawdija ta' l-art;

Qabel xejn jinhass necessarju li jigu esposti l-fatti kif jirrizultaw mir-rizultanzi istruttorji tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti:-

1. B' kuntratt tat-23 ta' Lulju 1979 (ara kopja tieghu a fol. 9) l-atturi xtraw l-ghalqa denominata "tan-Nigret" limiti Zurrieq, li minnha l-parti kkulurita bl-isfar fuq il-pjanta a fol. 2 tifforma parti;

2. L-inkwilinat tal-ghalqa kien f' idejn it-tlett ahwa Domenica Cutajar, Angela Micallef u Gaetana Farrugia, zijiet tal-konvenuta Rosaria Psaila. Jirrizulta pero` li bi qbil bejniethom l-ahwa msemmija ddividew l-ghalqa b' mod li kull wahda minnhom kienet tahdem porzjoni separata;

3. Fix-xhieda taghha (fol. 42) il-konvenuta tiddikjara li Angela Micallef kienet ceditilha l-bicca taghha tal-ghalqa. Mill-ittra tal-konsulent legali taghha datata 22 ta' Jannar 2003 (fol. 46) jinghad li din ic-cessjoni kienet sehhet permezz ta' skrittura privata datata 14 ta' Marzu 2002 redatta minn Nutar Mario Bugeja. Il-konvenuta ghalhekk ippretendiet li kellha titolu ta' lokazzjoni fuq dik il-parti tar-raba;

4. Meta xehdet, pero`, l-istess konvenuta tafferma li hi ghaddiet din l-istess parti lil zijitha l-ohra Gaetana Farrugia; ghal precizazzjoni fiz-zmien tal-Milied ta' l-2003 (fol. 43). Fl-Affidavit kongunt taghha (fol. 62) hi tghid li ghamlet dan mal-mewt ta' Angela Micallef, "biex ma nidhlux f' inkwiet". Irid jinghad li, dejjem skond il-precitata ittra, din Angela Micallef mietet fit-28 ta' Dicembru 2002;

5. L-attur Carmel Camilleri jghid li l-ahwa kienu jmorru joffrulhom il-kera individwalment pero` huma qatt ma accettaw kera minghandhom. B' danakollu, mill-esebizzjoni ta' estratti minn proceduri (fol. 64 sa fol. 66) huma jirrikonoxxu li l-inkwilinat tal-ghalqa kien jghajjat lit-

tlett ahwa flimkien jew, skond il-kaz, lil min fosthom ikun ghadu hekk haj fiz-zmien tal-prezentata tal-proceduri;

Is-suesposti fatti jaghtu kwadru in succint tal-provi li ngiebu ghall-attenzjoni ta’ l-ewwel Qorti, u li, fuq l-apprezzament taghhom, dik il-Qorti ddeterminat li l-konvenuti kienu detenturi bla titolu tal-parti tar-raba reklamata mill-atturi;

Il-kwestjoni kif impustata mill-appellanti hi jekk l-ewwel Qorti ghamletx gudizzju sew tal-fatti u tal-principji legali abbinati ghal dawn l-istess fatti. Huma jissottomettu bl-ewwel kontenzjoni taghhom illi l-punt kollu li kellu jigi investit mill-Qorti kien dak jekk huma kienux, jew le, qeghdin jokkupaw ir-raba, ossija dik il-porzjoni taghha pervenuta lilhom b’ cessjoni minghand Angela Micallef, fil-mument tal-proponiment tal-kawza;

Hu provat mill-fatti li almenu zgur sat-22 ta’ Jannar 2003 (data ta’ l-ittra surreferita) jigifieri wara l-mewt ta’ Angela Micallef, l-appellanti Rosaria Psaila kienet ghadha qed tqis lilha nnifisha bhala c-cessjonarja tal-parti mill-inkwilinat tal-ghalqa li kellha zijitha u li allura l-atturi sidien kellhom b’ obbligu jirrikonoxxuha “bhala wahda mill-ko-inkwilini flok il-mejta Angela Micallef u jircievu s-sehem taghhom mill-qbiela totali”. Issa huwa veru li fil-korp tar-rikors ta’ l-appell taghhom l-appellanti jghidu li aktar tard, maghrufa d-decizjoni ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Lulju 2003 fil-kawza “**Joseph Camilleri *et* -vs- Antonio Zammit *et***”, huma nghataw il-parir mill-konsulent legali taghhom biex johorgu mill-ghalqa. Sa hawn pero` dan ma jwassalx ghall-prova li s-sidien kienu a konoxxenza ta’ dan il-fatt. Huma pero` jzidu jsostnu, dejjem fl-istess korp ta’ appell, illi hargu mir-raba u flokhom dahhlu ulied Gaetana Farrugia u, in vista tal-protest tat-2 ta’ Settembru 2003 mibghut mill-atturi lil din u lil zewgha – li, incidentalment, kopja tieghu baqghet ma gietx esebita, avolja jinghad mill-appellanti li dan kien qed jigi hekk esebit flimkien mar-rikors ta’ l-appell taghhom – *ergo*, b’ dan, skond l-

appellanti kien ovvju li l-atturi appellati kienu jafu li huma ma kienux ghadhom hekk jokkupaw ir-raba;

Bir-rispett kollu din il-Qorti ma thossx li tista’ tammetti jew taccetta din id-deduzzjoni ta’ l-appellanti. Dan ghal zewg motivi. Ibda biex, kif mistqar mill-istess appellanti Rosaria Psaila, l-abbandun taghha tar-raba, jekk sar, ma sehhx almenu sa Dicembru 2003. L-appellanti mbaghad htiegilhom, bi provi certi u konvincenti, isostnu l-allegazzjoni taghhom illi flokhom dahhlu tassew ulied Gaetana Farrugia kif hekk minnhom sostenut fir-rikors ta’ l-appell, u mhux ukoll minn xi prova quddiem l-ewwel Qorti. Huma htiegilhom ghalhekk jissostanzjaw dan billi, minimament bi prova korroborattiva, jressqu lil ulied Gaetana Farrugia. Jekk xejn, biex jiddisdicu u jikkonfutaw il-prova kuntrarja ta’ l-attur Carmel Camilleri, fejn dan iddepona li kien ghadu josserva lill-konvenut fil-porzjon tar-raba, precizament fil-parti tan-nofs, anke jekk jghid ukoll li f’ parti ohra mill-istess porzjoni jara fiha lil nies ohra;

Hu principju dottrinali, sostenut mill-gurisprudenza, illi in kwantu “*reus excipiendo fit actor*”, il-fatt allegat mill-appellanti, u minnhom imqieghed a bazi ta’ l-eccezzjoni sollevata biex tikkuntrasta l-pretiza ta’ l-avversarju, kien jaggrava fuqhom li jippruvawh. Huma kellhom isostnu permezz ta’ prova kompleta u konkludenti li effettivament kienu hargu mill-porzjoni tar-raba u rrilaxxjawha a favur ta’ ulied Gaetana Farrugia;

Jinghad a propozitu mil-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni (**20 ta’ April 1996, Numru 3775**, riportata fil-“*Codice Civile Annotato con la Giurisprudenza*”, Giuffre Editore 2002 pagna 2179) illi “*ai fini della ripartizione dell’ onere della prova, il convenuto, soltanto se contrapponga una difesa articolata su fatti diversi da quelli posti a base della domanda (invece di contestare genericamente l’ assunto attoreo) propone una eccezione in senso sostanziale di cui è tenuto a fornire la dimostrazione ai sensi dell’ art.*

*2697 codice civile, con le relative conseguenze in caso di prova non offerta o non raggiunta, sicche, se egli si limiti a sostenere la sua estraneita al rapporto giuridico posto a fondamento della domanda e pertanto deduca la mancanza di una delle condizioni dell’ azione, quale l’ identificazione in esso convenuto dal soggetto nei cui confronti la legge conferisce all’ attore il diritto azionato, spetta pur sempre a quest’ ultimo, a norma dell’ art. 2697 citato, l’ onere di provare i fatti giuridici da cui deriva tale diritto, mentre, allorche le circostanze costitutive dell’ azione esperita siano desumibili ‘ex actis’, incombe al convenuto di dimostrarne l’ inefficacia*”;

Affermata din l-enuncjazzjoni, spjegattiva ta’ l-ispartizzjoni tal-piz tal-prova, kien certament jinkombi fuq il-konvenuti appellanti li jsostnu affermattivament il-bazi tal-fatt dedott minnhom fit-tielet u r-raba’ eccezzjoni. Dan, fil-hsieb tal-Qorti, huma naqsu li jaghmluh ghas-sodisfazzjoni u konvinciment tal-Qorti u ghalhekk ma jistax jinghad li huma adegwatament ipprovaw il-legittimita` u l-fondatezza ta’ dik l-asserzjoni taghhom kostitwita b’ dak il-fatt u b’ dik l-eccezzjoni;

Issa t-tieni kwestjoni migjuba mill-appellanti ghall-attenzjoni u skrutinju minn din il-Qorti hi din. Huma jghidu li fi kwalunkwe kaz l-atturi ma setghux jaghmlu din il-kawza ghaliex ir-raba hu mikri lil Gaetana Farrugia u, se mai, hi din li hi guridikament fakoltizzata tipproponi l-azzjoni ventilata mill-atturi. B’ din l-espressjoni ta’ opinjoni dwar il-kwestjoni legali, il-Qorti necessarjament tifhem li l-appellanti qed jassumu li c-cessjoni li saritilhom minn Angela Micallef m’ ghadx ghandha effikacja. Wiehed jifhem ukoll illi dan l-assunt taghhom huma jibbazawh fuq l-argoment illi m’ ghadx ghandhom ebda konnessjoni mar-raba *de quo*. Assunt dan li, kif fuq dimostrat, ma sabx in bazi ghall-provi attendibbli u l-kunsiderazzjonijiet maghmula, akkoljiment favorevoli minn din il-Qorti;

Irrizulta li bhala fatt materjali l-appellanti ma telqux ghal kollox ir-raba cedut lill-konvenuta Rosaria Psaila u dan igib ghal konsegwenza illi difficilment din il-Qorti tista' taccetta bhala verosimili illi prezentement l-unika inkwilina tal-ghalqa hi Gaetana Farrugia ghax huma rrinunzjaw ghad-dritt fuq l-istess ghalqa akkwistata bl-effett tac-cessjoni, u gja pretiz minnhom bl-ittra tat-22 ta' Jannar 2003; almenu zgur sa dak il-mument wiehed ta' ko-inkwilinat, tant li ppretendew ukoll li l-atturi jaccettaw minghandhom il-hlas ta' sehemhom mill-kanone lokattiv;

Ma jidherx li hemm kwestjoni illi c-cessjoni ggib maghha fenomenu ta' successjoni b' titolu partikulari, b' effett bejn il-partijiet li jaghmluha. Biex allura topera di fronte ghas-sid dan jokkorri li jkun ta l-kunsens tieghu jew minn qabel jew *per facta concludentia* billi jaccetta l-affitt. Accettazzjoni bhala din f' dan il-kaz ma tirrizultax; anzi hi eskluza mix-xhieda ta' Carmelo Camilleri. Kieku kien differenti, l-atturi ma kienux jistghu jikkampaw it-talba taghhom ta' l-izgumbrament ta' l-appellanti, fuq il-premessa ta' okkupazzjoni bla titolu. Premessa din bazata fuq it-tifsira li l-Kapitolu 199 jaghti lil kelma "kerrej" fl-Artikolu 2 tieghu u li teskludi mill-protezzjoni ta' dik il-ligi c-cessjonarju tal-kirja li ma kienx ukoll "membru tal-familja" kif din l-espressjoni hi definita wkoll mill-istess ligi. Ara *inter alia* r-ragonament zvolt fis-sentenza "**Pietro Magro *et* -vs- Abram Mifsud *et***", Appell, Sede Inferjuri, 29 ta' Jannar 1999;

Il-Qorti tifhem l-ipotesi suggerita mill-appellanti illi, attiza s-sottomissjoni taghhom li Gaetana Farrugia hi l-unika inkwilina tar-raba, ir-rapport li jezisti hu se mai bejn il-konvenuti appellanti u l-imsemmija Gaetana Farrugia, u li hi din ta' l-ahhar li ghandha d-dritt ta' azzjoni bhal dik hawn kontemplata. Huma ovvjament jirpozaw din l-ipotesi fuq l-interpretazzjoni taghhom tal-fatti. Interpretazzjoni din li, kif intqal fuq, ma ssibx l-adezjoni ta' din il-Qorti. Anzi l-Qorti ghandha suspett qawwi illi l-linja difensjonali propunjata mill-appellanti giet minnhom hekk adottata biex huma jovvjaw ghall-konsegwenzi li, *qua* neputijiet ta'

Angela Micallef, u nonostante c-cessjoni lokatizja lilhom minn din, huma ma kellhomx imbaghad is-sostenn tal-ligi specjali ghas-salvagwardja ta’ dik il-qaghda taghhom. Dan hu, wara kollox, ammess minnhom fl-istess korp ta’ l-appell taghhom. Mhux eskluz li huma optaw ghad-difiza li kienu telqu r-raba, - difiza din mhux ukoll provata, u sew sorretta, - biex proprju tiskongurahom kontra l-effetti tal-ligi in materja. Bil-konoxxenza kompleta tal-fatti, u dan mhux biss fuq l-awtorita` taghha daqskemm mic-cirkostanzi generali tal-kaz, din il-Qorti ma ssibx li tista’ ragonevolment taccetta l-aggravji lilha sottomessi u fil-mod koncepiti mill-appellanti. Ma tistax ghalhekk tintrattjeni t-talba taghhom ghar-revoka tas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell fil-kapi lilha devoluti, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti. It-terminu ta’ xahrejn prefiss mill-ewwel Qorti ghal fini ta’ zgumbrament jibda ghaddej mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------